MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 68/2009

**Adrian Muscat**

**Vs**

**Tlata Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi s-socjeta` intimata irrilaxxjat ic-cheque bankarju numru 002277 iffirmat mill-uniku direttur tas-socjeta` Paul Falzon, mahrug fuq il-bank HSBC plc ghall-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Ewro u seba u tletin Ewrocentezimu (€ 23,293.73) bid-data tat-30 ta’ Settembru, 2008;

Illi meta r-rikorrent mar biex isarraf l-imsemmi cheque sab li l-kont relattiv li jgib in-numru 85043198001 kien maghluq u kwindi ma setghax jissarraf;

Illi l-import ta' dan ic-cheque baqa ma thallasx u ghalhekk s-socjeta` intimata ghadha debitrici tar-rikorrent fl-ammont imsemmi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante illi s-socjeta` intimata m'ghandhiex difiza xi tressaq kontra t-talbiet segwenti:

Talab illi din il-qorti :

Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Art 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ;

Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrent fis-somma tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Ewro u seba u tletin Ewrocentezminu (€23, 293.73) import ta' cheque bankarju numru 002277 iffirmat mill-uniku direttur tas-socjeta` Paul Falzon u mahrug fuq il-bank HSBC plc ;

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Ewro u seba u tletin Ewrocentezimu (€23,293.73).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 105/09 ipprezentat kontestwalment ma dina l-procedura u bl-imghax mid-data tat-30 ta' Settembru, 2008 kontra s-socjeta` intimata.

Rat ukoll id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda din ma wrietx li ghandha ragunijiet tajba biex tithalla tikkontesta l-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, u b’dan illi l-attur jaghti garanzija kif imfissra fil-verbal tas-seduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------